MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 9/2001/1

**Mildred Ferando**

**vs**

**Loris Bianchi proprio, kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Ezekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Jannar, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra c-citazzjoni tal-attrici fejn wara li qalet li:-

L-fondi enumerate 17,19 u 23, Triq it-Torri, Sliema, kienu ilhom ghal diversi snin mikrijin lill-Kaptan Ferando, zewg l-attrici Mildred Ferando, minghand il-konvenut pro et noe;

Illi ai termini ta' l-Artikolu 2(b) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, mal-mewt fl-1993 ta' l-imsemmi inkwilin, il-Kaptan Espedito Ferando, il-kirja ghaddiet f'idejn l-attrici, bhala l-armla ta' l-istess Espedito Ferando;

Illi sussegwentement, il-kera bdiet tithallas minn iben l-attrici Brian Ferando, u fil-fatt, ir-ricevuti tal-kera tal-fondi de quo, bdew jigu rilaxxati favur l-eredi tal-mejjet Espedito Feando, cioe` Mildred Ferando, u wliedha Brian Ferando u Moira Ferando, b'dan illi l-istess eredi tal-mejjet Espedito Ferando lkoll gew rikonoxxuti mill-konvenut pro et noe, bhala ko-inkwilini tal-fond de quo;

Illi permezz tar-Rikors Numru 35B/95, fl-ismijiet: Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Ezekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi vs Brian u Moira ahwa Ferando,il-konvenut pro et noe talab illi jirriprendi l-pusses tal-fondi enumerate 17,19 u 23, Tower Road, Sliema u dan ghar-ragunijiet tindikati fl-istess Rikors;

Illi permezz ta' Sentenza moghtija mill-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera fl-24 ta' Mejju 2001, fl-ismijiet Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Ezekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi vs Brian u Moira ahwa Ferando u b'Digriet tat-18 ta' Gunju 1997, giet kjamata in kawza Mildred Ferando u b'Digriet tat-18 ta' Gunju 1997, giet kjamata in kawza Mildred Ferando (Rikors Numru 38B/95), li kopja taghha qed tigi hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok A., dana l-istess Bord laqa' t-talbiet tar-rikorrenti (illum konvenut) pro et noe, billi awtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fondi enumerate 17,19 u 23, Tower Road, Sliema, u pprefigga t-terminu ta' tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza msemmija, ghall-fini ta' l-izgumbrament mill-fondi de quo;

Illi permezz ta’ Rikorsipprezentat fis-16 ta’ Gunju 1997, il-konvenut (gja’ rikorrenti) pro et noe, talab il-kjamata fil-kawza ta’ l-attrici Mildred Ferando;

Illi permezz ta’ Digriet moghti fit-18 ta’ Gunju 1997, dana l-Onorabbli Bord laqa’ t-talba tal-konvenut pro et noe, u ordna l-kjamata in kawza ta’ l-attrici Mildred Ferando, kif ukoll in-notifika taghha bir-Rikors promotur, skond il-Ligi;

Illi mill-atti processwali u senjatament mir-riferta relattiva ghan-notifika tal-kjamata fil-kawza Mildred Ferando,illum attrici, bir-Rikors promotur u d-dokumenti mieghu konnessi, li jinsabu a fol tlieta u sebghin (73) tal-process tar-Rikors su-indikat, jirrizulta illi n-notifika saret billi r-Rikors promotur thalla gewwa wiehed mill-fondi de quo, cioe`, 19, Triq it-Torri, Sliema, fit-8 ta’ Lulju 1997;

Illi l-fond 19, Triq it-Torri, Sliema, ma huwiex ir-residenza jew il-post tax-xoghol jew negozju, jew l-indirizz postali, ta’ l-attrici, gja kjamat fil-kawza, skond kif rikjest mill-Artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi nonostante l-fatt illi l-attrici hija wahda mill-kerrejja tal-fond 19, Triq it-Torri, Sliema, l-imsemmija fondi jintuzaw biss ghal skopijiet kummercjali, u r-residenza ta’ l-attrici ilha ghal diversi snin tinstab gewwa 42, Amery Street, Sliema;

Illi inoltre, l-attrici ma ghandha ebda involviment fit-tmexxija u gestjoni tan-negozju adoperat mill-istess fondi, kif del resto jirrizulta mix-xhieda ta’ l-intimat Brian Ferando, illi tinstab a fol. Mija u sebgha u erbghin (147) tal-process tar-Rikors fl-ismijiet premessi, u ulterjorment, mill-affidavit ta’ l-istess attrici hawn anness, ezebit u mmarkat bhala Dok. B, u kif jista’ jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk, jirrizulta illi l-kopja tar-Rikors promotur ma thallietx f’idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn xi persuna fis-servizz ta’ l-attrici, jew f’idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha sabiex tircievi l-posta taghha, skond kif jirrikjedu d-dispozizzjonijiet ta’ l-

imsemmi Artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi n-notifiki kollha sussegwenti ordnati minn dana l-Onorabbli Bord, saru gewwa l-istess fond 19, Triq it-Torri, Sliema;

Illi ghalhekk, kull notifika li saret lill-attrici (gja' kjamata fil-kawza) fl-atti tar-Rikors imsemmi, ma saritx validament;

Illi l-attrici Mildred Ferando, qatt ma dehret fis-smiegh tar-Rikors fl-ismijiet premessi, la personalment u lanqas tramite rapprezentant legali, u inoltre, qatt ma gew pprezentati atti processwali minnha jew ghan-nom taghha fil-process tar-Rikors fl-ismijiet premessi;

Illi l-attrici saret taf bl-ezistenza tar-Rikors fl-ismijiet fuq premessi, u l-ezitu tieghu ai termini tas-sentenza moghtija minn dana l-Onorabbli Bord fl-24 ta' Mejju 2001, biss wara illi kien ghalaq it-terminu akkordat mil-Ligi ghall-appell, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghaldaqstant, jirrizulta illi r-Rikors promotur fl-ismijiet fuq premessi, ma giex notifikat lill-attrici, gja' kjamata fil-kawza, bhala parti telliefa fis-smiegh tar-Rikors fl-ismijiet fuq premessi quddiem dan l-Onorabbli Bord, u inoltre l-istess attrici qatt ma dehret fis-smiegh ta' l-istess Rikors, u dan kif previst mid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

<u>Talbet li</u>:

(1) tigi mhassra u revokata s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera fl-24 ta' Mejju 2001, fl-ismijiet: Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Ezekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi vs Brian u Moira ahwa Ferando u b'digriet tat-18 ta' Gunju 1997, giet kjamata in kawza Mildred Ferando;

(2) tigi ordnata r-ritrattazzjoni tar-rikors fl-ismijiet Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Ezekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi vs

Brian u Moira ahwa Ferando (Rikors Numru 38B/95), u dan stante illi, kif fuq premess, jezistu r-ragunijiet ikkontemplati mil-Ligi, ghar-ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta’ Procedura u Organizazzjoni Civili.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, illum konvenut, illi jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti mehmuza.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-kwalita` tieghu fuq imsemmija fejn eccepixxa;

1. Illi l-azzjoni attrici hija irrita u nulla stante li l-attrici ma ssemmix wiehed wiehed il-kapi tas-sentenza li trid tattakka, u dan kif jitlob l-artikolu 816 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi l-attrici trid tipprova li l-fatti li jikkostitwixxu t-talba ghar-ritrattazzjoni gew a konjizzjoni taghha wara li lahaq ghadda z-zmien ghall-appell a tenur ta’ l-artikolu 812 tal-Kap 12, u fin-nuqqas it-talba attrici ghar-ritrattazzjoni m’ghandhiex tintlaqa’.

3. Illi inoltre l-attrici m’ghandiex dritt fil-ligi titlob ritrattazzjoni tas-Sentenza Loris Bianchi pro et noe vs Brian Ferando et deciza minn dana l-Bord fl-24 ta’ Mejju, 2001 stante li kienet debitament notifikata bir-rikors promotur skond kif kien ordna l-Bord bid-digriet tieghu f’dawk l-atti tat-18 ta’ Gunju, 1997 u dan skond il-ligi sewwa sew ai termini tal-artikolu 187 tal-Kap. 12.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, anke jekk jirrizulta li n-notifika ma kenitx valida, l-attrici dehret fil-kawza relattiva u dan tramite l-avukat taghha, kif jirrizulta mill-atti processwali.

5. Illi minghajr pregudizzju wkoll, it-talba attrici m’ghandhiex tintlaqa’ vis-à-vis l-intimati Brian u Moira ahwa Ferando stante illi s-sentenza li taghha qed tintalab

ir-ritrattazzjoni tikkostitwixxi res judicata fil-konfront taghhom.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.

Ra li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2001 il-konvenut eccepixxa n-nullita` tal-proceduri billi l-intimati originali Brian u Moira Ferando mhumiex parti f'din il-kawza.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti kollha;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidra dwar l-eccezzjoni moghtija fis-7 ta' Novembru 2001;

1. Illi din ic-citazzjoni hi dwar thassir tas-sentenza moghtija mill-Bord fir-rikors numru 38B/95 fl-24 ta' Mejju 2001 fl-ismijiet

"Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' esekutur testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi

vs

Brian u Moira ahwa Ferando u b'digriet tat-18 ta' Gunju 1997 giet kjamata in kawza Mildred Ferando"

2. F'dawn il-proceduri Brian u Moira ahwa Ferando ma jidhrux waqt li l-attrici (qabel kjamata in kawza) qed titlob it-thassir tas-sentenza fuq imsemmija u s-smiegh mill-gdid tar-rikors fl-istess hinijiet.

3. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici qed tissottometti (a) li hi parti interessata u ghall-ghan tal-ligi "huma biss il-partijiet li bejniethom tkun saret il-kontestazzjoni fl-ewwel gudizzju, u mhux kull persuna ohra li ghandha interess li jistghu jipprevalixxu ruhhom mir-rimedju tar-ritrattazzjoni" (din is-sottomissjoni hi in parte referenza ghas-sentenza 'Tabone et vs Farrugia et'

(App. 11/12/1950) msemmija fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut nomine). (b) Issostni li “l-ligi mkien u b’ebda mod ma tirrikjedi illi l-okkju tac-citazzjoni li permezz taghha jkun qed jintalab ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, ghandu jkun identiku ghall-okkju tal-proceduri li taghhom qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Fl-ahharnett l-attrici (c) tista’ tigi meqjusa bhala l-parti li ghandha l-interess illi titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza (recte rikors).

4. Fil-kawza “Giuseppe Tabone et vs Ursola Farrugia et” (11/12/1950, Koll. Vol. XXXIV – 1- 293) l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell qalet li:-

“Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa moghti mil-ligi fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess. Din l-espressjoni “partijiet li jkollhom interess” ma tfissirx illi r-ritrattazzjoni tista’ tigi mitluba “minn min ghandu interess” imma biss minn dawk in-nies li bejniethom tkun saret il-kontestazzjoni fl-ewwel gudizzju.

Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju li jidderoga ghall-principju ta’ l-irrevokabilita` tal-gudikati, u ghalhekk ma jammettiex interpretazzjoni estensiva: u la darba l-ligi tillimitah ghall-partijiet li jkollhom interess, ma ghandux jigi estiz ghal kull persuna ohra li jkollha dak l-interess”.

F’dan il-kaz sub-inkwilin, li kien ser isib ruhhu zgumbrat wara kawza bejn is-sid u l-kerrej talab smiegh mill-gdid tar-rikors. Il-Qorti ta’ l-Appell qalet

“Ghaldaqstant f’kawza ta’ zgumbrament li ssir bejn sid il-kera u l-konduttur, is-subinkwilin mhux rapprezentant mill-konduttur u ma kellux parti fil-gudizzju. U ghalhekk is-subkonduttur li jsib ruhhu zgumbrat bis-sahha tas-sentenza li tigi moghtija f’dak il-gjudizzju li fih huwa ma kienx ha sehem, ma ghandux dritt jitlob ir-ritrattazzjoni ta’ dik il-kawza, avolja fiha gie ordnat l-izgumbrament ……..”

Din is-sentenza m’ghandhiex l-istess fattispecie ta’ dawn il-proceduri billi l-attrici kienet diga parti fil-proceduri tar-rikors 38B/95.

5. Dwar l-identicita` ta’ l-okkju dak li tghid l-attrici hu ghal kollox skorrett. L-okkju jehtieg li jkun l-istess. Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell in re ‘Farrugia et vs Schembri’ fis-sentenza taghha tas-7 ta’ Ottubru 1996.

“Hu ghal kollox anti-gjuridiku u koncettwalment kontrosens li wiehed jipprospetta l-possibilita` ta’ smiegh mill-gdid ta’ kawza bejn partijiet li ma jkunux ghal kollox identici ma’ dawk tal-procedura li fihom tkun inghatat is-sentenza impunjata.”

6. L-okkju: Il-gurisprudenza tghallem li jekk l-okkju f’kawza ta’ ritrattazzjoni jigi invertit ma hemm ebda nullita`: ara ‘Luigi Bonnici pro et noe et vs Pasquale Farrugia et’ Koll Vol X – p.177, 11/7/1883; “Meilaq noe vs Bugeja pro et noe:, 13/6/95; “Pace Asciak vs Sultana et, 25/6/91, App. Krim. Imma l-kaz li ghandu quddiemu l-Bord mhux hekk.

7. Li gara f’dan il-kaz huwa li l-attrici halliet barra ghal kollox l-intimati uliedha fl-ewwel rikors. Meta inghatat l-eccezzjoni ta’ nullita` l-attrici ghamlet rikors ghal kjamta in kawza taghhom li l-Bord cahad billi kjamata in kawza hi inkompatibbli f’kawza ta’ smiegh mill-gdid. Il-Bord ma saritlu l-ebda talba ohra minkejja li fin-nota ta’ sottomissjonijiet jissemma l-art 175 (1) tal-Kap. 12. It-talba ghall-kjamata in kawza flimkien mar-referenza ghall-art 175 (1) qed isiru minkejja li fl-istess nota jinghad

“… … illi l-ligi mkien u b’ebda mod ma tirrikjedi illi l-okkju tac-citazzjoni li permezz taghha jkun qed jintalab ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, ghandu jkun identiku ghall-okkju tal-proceduri li taghhom qed tintalab ir-ritrattazzjoni.”

Kif jinghad ukoll

“… … d-disposizzjonijiet ta’ l-art. 811 (b) li jiffurmaw il-meritu tal-kawza odjerna, japplikaw biss fil-konfront ta’ l-istess esponenti u mhux fil-konfront ta’ l-ahwa Ferando”.

8. Sentenza taghmel stat bejn il-partijiet u f'kawza ta' ritrattazzjoni iridu jidhlu l-partijiet li kienu fl-ewwel sentenza li qed tigi attakkata. (kif tigi mfassla procedura bhal tal-lum ara 'Bonnici pro et nomine vs Farrugia et' gja msemmija).

9. Qorti jew tribunal ghandha/ghandu jaghmel li jista' biex isalva att izda min kif huma u mxew l-affarijiet il-Bord ma jistax jaghmel haga ohra hlief li jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut, jiddikjara l-procedura irrita u nulla u jillibera lill-konvenut pro et noe mill-osservanza tal-gudizzju; l-ispejjez jithallsu mill-attrici."

Mildred Ferando appellat minn din is-sentenza bl-aggravji li bejn wiehed u iehor huma rikapitolati kif gej:-

i. L-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut ritrattat tal-irritwalita` u nullita` tal-proceduri ntavolati kienet tikkozza mat-tielet (recte, il-hames) eccezzjoni tieghu, u ghalhekk kienet inkompatibbli maghha.
ii. Il-Bord malament interpreta d-decizjoni moghtija fl-ismijiet "Giuseppe Tabone et –vs- Ursula Farrugia et", Appell, 11 ta' Dicembru 1950. Dan in kwantu dik id-decizjoni ma irritenietx illi l-partijiet kollha ghandhom jippartecipaw ukoll fil-proceduri tar-ritrattazzjoni.
iii. Hi biss ghandha nteress li tippromwovi l-azzjoni tar-ritrattazzjoni stante li n-notifika invalida saret fil-konfront taghha biss.
iv. L-osservazzjoni jew l-insenjament fid-decizjoni "Charles Tabone -vs- Benny Schembri et", Appell, 7 ta' Ottubru 1996 ma jghoddx ghal kaz taht konsiderazzjoni.
v. Il-Bord ma offra l-ebda spjega jew motivazzjoni ghac-cahda tat-talba biex jigu msejjha fil-kawza Brian u Moira ahwa Ferando. F'kull kaz, in-nuqqas seta' jigi rimedjat b'din il-procedura.
vi. Kif hekk ukoll il-Bord seta` 'marte proprio' jaghmel uzu mis-setgha lilu konferit mill-Artikolu 175 (1) tal-Kap 12 u jordna l-korrezzjoni tal-atti. Dan bl-iskop li tigi salvata l-azzjoni.

Loris Bianchi wiegeb ghal dawn l-aggravji billi ssolleva diversi obbjezzjonijiet ta' indoli procedurali, apparti dawk

riferibilment ghal punt proprju dibattut u deciz fis-sentenza tal-Bord.

Dawn jistghu jigu hekk sintetizzati:-

(a) L-irritwalita` ta' l-appell interpost billi dan gie ntavolat 'fuori termine' l-perijodu ta' sitt ijiem tax-xoghol dettat mill-Artikolu 24 tal-Kap 69.
(b) In-nullita` tal-appell stante li l-appellanti ma ndikatx ukoll fl-okkju tar-rikors tal-appell taghha lill-appellat personalment.
(c) Fit-termini tal-Art. 821 tal-Kap 12 talba ghar-ritrattazzjoni tista' ssir darba biss u allura ma jistax isir appell minn decizjoni li tichad it-talba ghar-ritrattazzjoni peress illi, altrimenti, it-talba tkun effettivament qed issir darbtejn, cjoe darba lill-Bord u dar'ohra lill-Qorti ta' l-Appell.
(d) Fil-meritu d-decizjoni tal-Bord kienet korretta meta iddecieda li f'kawza ta' ritrattazzjoni jridu jidhlu l-partijiet li kienu fl-ewwel sentenza li qed tigi attakkata.
(e) L-appellanti ma setghetx tinqeda bir-rimedju tal-kjamat in kawza billi ma kienx konsentit li jigi rimedjat zball li minhabba fih il-proceduri kienu nulli 'ab initio'.
(f) Apparti l-fatt li ma saret l-ebda talba 'ad hoc', f'kull kaz talba ghal korrezzjoni taht l-Art 175, Kap. 12, ma setghetx tigi akkordata billi din kienet taffettwa direttament l-eccezzjoni tieghu.

Huwa fl-ordni logiku illi l-ewwel materji li l-Qorti trid tinvesti huma l-pregudizzjali ta' indoli procedurali sollevati mill-appellat.

L-ewwel eccezzjoni li l-appell gie intavolat tardivament hi ghal kollox insostenibbli. Il-materja taht konsiderazzjoni ma hijiex regolata bil-ligi specjali (Kap 69) izda skond il-ligi ordinarja tal-procedura kif provdut fis-subinciz (1) tal-Artikolu 226 tal-Kap 12.

Il-procedura giet inizjata permezz ta' citazzjoni bazata fuq wahda mir-ragunijiet elenkati fl-Art 811 u mhux b'rikors, li kienet tkun il-procedura idonea kieku r-ritrattazzjoni kienet cirkoskritta fil-parametri tal-Art 42 tal-Kap 69. Ghall-

materja ghalhekk japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi ordinarja (Kap 12) u mhux id-disposizzjonijiet tal-ligi specjali (Kap 69) li mal-kaz ma jiccentra xejn.

Wiehed ma jridx jitlef di vista li hawn si tratta ta’ procedura ta’ revoka ta’ sentenza a tenur tal-Art 811 (b) tal-Kap 12 u mhux sempliciment ta’ azzjoni fuq xi wahda mill-kawzalitajiet dettati esklusivament minn-normi tal-Kap 69.

Dwar it-tieni eccezzjoni huwa ovvju illi l-ommissjoni tal-kelma ‘proprio’ fir-rikors tal-appell jitratta minn semplici ‘lapsus’ u kwindi setghet tigi korretta kif fil-fatt hekk gie konsentit li jsir bid-digriet ta’ din il-Qorti (5/03/2002) billli ma tikkostitwiex raguni serja ta’ nullita` ta’ appell. Ghandu jigi osservat, u dan jinghad maggorment illum wara l-emendi apportati ghal Kodici ta’ Organizazzjoniu Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995, illi in linea ta’ massima generali l-formalizmu u r-rigorizmu esagerat fil-proceduri gudizzjarji gie abbandunat bhala “*il sistema proprio dell’infanzia del diritto*” (“**Xuereb –vs- Xuereb**”, Appell, 2 ta’ Jannar 1883). Kien ghalhekk li l-Qorti akkordat il-korrezzjoni opportuna biex il-lapsus purament mekkaniku fl-okkju tar-rikors ta’ l-appell jigi aggustat.

It-tielet eccezzjoni hi ghal kollox intrattenibbli u tikkostitwixxi spropozitu guridiku. Fil-kawza “**Karmenu Mifsud Bonnici noe et –vs- John Scicluna noe et**”, Appell, 26 ta’ April 1993 riferita mill-appellat il-Qorti kienet hemm iddecidiet illi ma kienx possibbli li jinghata aditu ghar-ritrattazzjoni ta’ sentenza parzjali. Hekk ukoll kienet iddecidiet l-istess Qorti fil-kawza “**Il-Perit Arkitett Emanuel Zammit noe –vs- Nazzareno Fenech**”, 30 ta’ Gunju 1997 a propozitu tar-ritrattazzjoni mitluba fir-rigward ta’ sentenza moghtija mill-istess Qorti fuq digriet tal-Bord fejn kien iddikjara ruhu kompetenti li jisma’ eccezzjoni ulterjuri tal-intimat ritrattand. Ir-ritrattazzjoni invece, skond l-istess Art 811, Kap 12, hi moghtija fil-kaz biss ta’ kawza deciza u finali, kif hekk inhu l-kaz prezenti.

Is-sentenza l-ohra, imbaghad, citata wkoll mill-appellat – “**Edward Kitcher –vs- Gio Maria Ciappara**”, Appell, 17 ta’ Gunju 1955 – mhux biss ma hi ta’ ebda suffragju ghat-

tezi tal-appellat talli l-punt hemm dibattut ilu s-snin li gie abbandunat, wara emendi fil-ligi (Kap 69). Dan ghar-raguni semplici illi fl-istat tal-ligi kif kienet dakinhar (Art 25 tal-Kap 109) appell 'ut sic' mid-decizjoni tal-Bord kienet ristretta biss ghal punt ta' ligi maqtugh fis-sentenza. Kien proprju ghalhekk li f'dik id-decizjoni l-Qorti kienet irriteniet illi "*mhiex accettabbli estensjoni ta' dik il-limitazzjoni kif proposta mill-appellat ghax taghmel distinzjoni bejn sentenza u ohra tal-Bord, li ma tirrizultax mil-ligi*".

Spjanati dawn it-tlett eccezzjonijiet, u l-kontenzjonijiet ta' go fihom, il-Qorti ser tghaddi 'l quddiem biex tezamina jekk l-enuncjazzjoni tal-principju stabbilit mill-Bord fid-decizjoni tieghu ghandux jigi sostenut jew imqieghed in disparte, bl-akkoljiment tal-aggravji, jew ta' xi wiehed fosthom, sottomessi mill-appellanti.

Ma jkunux inopportun jekk tigi anke hawn ribadita l-osservazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Leonard Muscat et –vs- Onorevoli Prim'Ministru**", 31 ta' Lulju 2000:

"*L-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop illi jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata "miscarriage of justice" u tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet*."

Zied pero` jigi aggunt illi "*l-ligi tirrestringi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-ligi. Inoltre l-ligi timponi certi kondizzjonijiet ghall-ezercizzju ta' l-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament*."

Huwa proprju ghalhekk li dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (**Vol XXV pI p137**) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (**Vol XXVII pI p818**), "*non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale*" ("**Antonio Micallef –vs- Maria Dolores Vella et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910).

Issa l-kwezit post ghall-attenzjoni tal-Bord, u issa ta' din il-Qorti, hu dak koncernanti l-punt jekk l-assenza mill-procedura tar-ritrattazzjoni ta' Brian u Moira ahwa Ferando, intimati fid-decizjoni tal-Bord tal-24 ta' Mejju 2001, issa ritrattata, iggibx in-nullita` tal-proceduri.

Biex tinghata risposta ghal dan il-kwezit jinhass necessarju illi wiehed jissofferma fuq certi principji regolanti l-materja ta' smiegh mill-gdid tal-kawza.

Qabel xejn irid jigi ribadit dak ormai ben saldat fil-gurisprudenza taghna fis-sens ta' dak osservat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a **Vol XXII pIII p235**, u citata fis-sentenza a **Vol XXXIX pIII p894**, "*il giudizio di ritrattazione ha un duplice oggetto, quello di far annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato e l'altre di riaprire la trattazione della causa e provocare un altra sentenza. E si compone di due stadi distinti da non confondersi l'uno coll'altro, detti dai pratici 'il rescindente' e 'il rescissorio'*." Il-logika legali tiddetta li l-Artikolu 811 tal-Kap 12 irid jinqara unitament mal-Artikolu 820 tal-istess kap.

Kif jinghad fis-sentenza riportata fil-Volum **XXI pII p117**, "*oltre alla chiara disposizione della legge concorre a sussidiare l'eccezione preliminare della convenuta la logica legale la quale ci conduce a ritenere che non si puo` domandare la ritrattazione di una causa finche` sussiste la sentenza colla quale fosse stata quella causa deciza*."

Din l-osservazzjoni hi ta' kjara importanza in kwantu r-rimedju tar-ritrattazzjoni jidderoga principju baziku legali u cjoe` li sentenza finali (gudikat jew res judicata) ghandha forza ta' ligi <u>bejn il-kontendenti</u>. Il-gudikat, in fatti, ghandu l-forza li jtemm darba ghal dejjem il-litigju li jinsorgi u li jigi definit bis-sentenza.

Mit-taghlim gurisprudenzjali suespost titnissel din ir-riflessjoni. Ma jistax ikollok ir-ritrattazzjoni ta' kawza jekk ma jkollokx ukoll it-thassir tas-sentenza li ddeterminat dik il-kawza. U ma jistax ikollok it-thassir jew revoka tal-

kawza aggudikata jekk min kien kompartecipi fiha ma jkunx ukoll imdahhal bhala attur jew konvenut fil-procedura innifisha tar-ritrattazzjoni. Dan ghall-Qorti mhux biss hu guridikament logiku izda wkoll elementari.

Minn dak li rnexxielha tirrintraccja din il-Qorti nsibu s-silta segwenti:-

"*E` evidente pertanto che l'attore, secondo le ovvie regole di procedura, non poteva domandare la ritrattazione della menzionata causa e la revoca delle anzidette sentenze, altrimenti che colla citazione delle stesse persone, in contestazione delle quali le dette due sentenze sono state proferite*" – "**Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe –vs- Negte. Giuseppe Calcedonio Borg et**", Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju 1871 (Vol V p571).

Dan hu bil-wisq naturali in kwantu hu difficli illi wiehed jikkontempla r-revoka ta' sentenza minghajr il-presenza tal-kollitigandi gja nvoluti u mmiskjati fis-sentenza oppunjata. Wiehed ghandu dejjem ma jitlefx di mira illi l-provvediment tal-ligi fih anke dan l-istadju 'in rescindente' li jwassal ghall-annullament tas-sentenza ritrattata. Dan qabel ma l-Qorti tinoltra ruhha fis-smiegh mill-gdid tal-kawza fl-istadju 'in rescissorio'.

Issemmew mill-partijiet u anke mill-Bord aspetti li l-Qorti tqishom pjuttost sekondarji ghall-materja agitata.

Dik dwar l-intestazzjoni tikkoncerna biss aspett procedurali. Minn ezami sekolari gie rimarkat illi "*essendo il giudizio di ritrattazione tutto novello e non una continuazione di altri liti, l'intestazione avrebbe dovuto essere, anche d'ordinario figurando tra i nomi il Neg. Scicluna come attore, e tutto gli altri contendenti come convenuti la inversa posizione pero` di nome nulla opera nella sostanza del giudizio, in quanto che e' espressamente detto che il libello, che e' la base del giudizio, sia del negoziante Scicluna, cio` che toglie ogni equivoco riguardo alla persona dell'attore e dei convenuti*". ("**Luigi Bonnici pro et noe et –vs- Pasquale Farrugia et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 11 ta' Lulju 1883, a

Vol X p177; "**Publius Farrugia nomine –vs- Joseph Mallia noe**", Appell Kummerc, 5 ta' Marzu 1979).

Aspett iehor ventilat, u li ma ghandu strettament l-ebda rapport mal-kaz in disamina, hu dan. Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni jakkorda dritt lil dawk biss li jkunu partijiet interessati fis-sentenza attakkata u mhux ukoll lil kull terza persuna li ma tkunx ippartecipat fil-proceduri.

Anke t-taghlim gurisprudenzjali hu ben ovvju ghal din il-Qorti. Huwa ghal kollox inkoncepibbli koncettwalment illi r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni jikkoncedi s-smiegh mill-gdid ta' kawza li fiha t-terz ma hax sehem u li dwarha jkollok gja gudikat bejn il-kontestanti. Kieku dan kellu jkun accettat il-gudikat jigi svalutat billi c-certezza tigi reza fix-xejn. U kif rimarkat drabi ohra, "*l-amministrazzjoni tal-gustizzja tisfa' prattikament stultifikata u x-xoghol tal-Qorti jisfa' bhax-xoghol ta' dak illi jkun qieghed jaghzaq fl-ilma*" ("**Leonard Muscat –vs- Onor Prim Ministru et**", gja citata).

Huwa f'dan is-sens ukoll li jridu jinqraw id-decizjonijiet "**Charles Farrugia pro et noe –vs- Benny Schembri**", Appell, 7 ta' Ottubru 1996 u dik a **Vol XXXIV pI p293**.

Il-Qorti, imbaghad, ma tistax tikkoltiva b'favur s-sanatorja invokata bil-kjamat fil-kawza tal-ahwa Ferando. Dan in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

i. Kif abbondantement ripetut, ir-rimedju hu wiehed straordinarju bir-regoli specjali tieghu, u ma jippermetti ghalhekk l-ebda liberalita` zejda jew dipartizzjoni mir-regoli li jarginawh.
ii. Fost dawn ir-regoli hemm il-fattur zmien li fih setghet issir it-talba ghar-ritrattazzjoni (Art 818, Kap 12).
iii. In-necessita` tal-presenza tal-ahwa Ferando fil-gudizzju ma nqalghetx fil-kors tal-kawza minhabba l-eccezzjoni ulterjuri tal-appellat. Dik il-presenza kien imissha saret 'ab initio' u ghalhekk in-nuqqas ma jistax jigi rimedjat sempliciment bis-sejha fil-kawza.
iv. F'kull kaz, il-kjamata in kawza ma tistax isservi biex tikkonvalida proceduri nullament proposti. ("**Rita Portelli –**

**vs- Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Parlamentari et**", Appell, 22 ta' Lulju 1985).

Issa kwantu ghal veduta tal-appellanti fuq il-fatt tal-korrezzjoni tal-atti, ghalkemm hu minnu li l-Art 175, kif emendat bl-Att XXIV tal-1995, jaghti ampji poteri lill-Qorti jew kull tribunal iehor li jordna l-korrezzjonijiet fl-iskritturi f'kull zmien tal-proceduri, eppure anke, kif modifikat, l-ligi tiddekreta bhala limitazzjoni fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti l-kaz fejn iz-zieda mitluba tkun ser tbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kaz ("**Walsh's Limited –vs- Awtorita' ta' l-Ippjanar**", Appell, 18 ta' Frar 1997).

Dejjem, imbaghad in raguni tas-senjalazzjonijiet fuq maghmula fil-kors ta' din id-decizjoni, l-Qorti ma tistax tinkoragixxi libertajiet. Dan mhux minhabba xi formalizmu rigidu izda, in kwantu si tratta ta' procedura specjalissima, mhuwiex konsentit li l-ligi u l-procedura tigi cirkumventata b'korrezzjonijiet leggeri.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tirrespingi l-aggravji kollha sottomessi mill-appellanti fl-appell minnha interpost, tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------